Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje L

2025/2373

21.11.2025

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2025/2373

## tal-20 ta’ Novembru 2025

## li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2024/3116 dwar il-Kulleġġ Ewropew ta’ Sigurtà u ta’ Difiża

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u b’mod partikolari l-Artikolu 28(1) u l-Artikolu 42(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta’ Sigurtà,

Billi:

(1) Fid-9 ta’ Diċembru 2024, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2024/3116 ([1]).

(2) F’konformità mad-Deċiżjoni (PESK) 2024/3116, il-Kap tal-Kulleġġ Ewropew ta’ Sigurtà u ta’ Difiża (KESD) ippreżenta lill-Kumitat ta’ Tmexxija tiegħu stima tad-dħul u tan-nefqa għall-KESD għas-sena finanzjarja 2026.

(3) Fl-10 ta’ Lulju 2025, il-Kumitat ta’ Tmexxija approva l-istima tad-dħul u tan-nefqa għall-KESD għas-sena finanzjarja 2026, li sussegwentement intbagħtet lill-Kummissjoni Ewropea mill-Kap tal-KESD.

(4) Jenħtieġ li jiġi stabbilit ammont ta’ referenza finanzjarja ġdid, maħsub biex ikopri n-nefqa tal-KESD għall-perjodu mill-1 ta’ Jannar 2026 sal-31 ta’ Diċembru 2026.

(5) Għalhekk, jenħtieġ li d-Deċiżjoni (PESK) 2024/3116 tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Fl-Artikolu 16(1) tad-Deċiżjoni (PESK) 2024/3116, jiżdied is-subparagrafu li ġej:

“L-ammont ta’ referenza finanzjarja maħsub biex ikopri n-nefqa tal-KESD matul il-perjodu mill-1 ta’ Jannar 2026 sal-31 ta’ Diċembru 2026 għandu jkun ta’ EUR 3 309 800,02.”.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, l-20 ta’ Novembru 2025.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

K. KALLAS

([1]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2024/3116 tad-9 ta’ Diċembru 2024 dwar il-Kulleġġ Ewropew ta’ Sigurtà u ta’ Difiża u li tħassar id-Deċiżjoni (PESK) 2020/1515 (ĠU L, 2024/3116, 10.12.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2024/3116/oj).